MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 497/2005

**Joseph Mizzi**

**vs**

**Vivian Corporation Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata it-22 ta' Settembru tas-sena 2005 li permezz taghha l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja tiddikjara illi l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Vivian Corporation Limited – vs – Joseph Mizzi" (Avviz Numru 985/2000 JAB), deciza fit-12 ta' Novembru tas-sena 2003, mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kif

presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. ma gewx validament notifikati lill-attur odjern, il-parti telliefa f'dik il-kawza, skond il-ligi;

2. Illi tordna r-revoka u t-thassir tas-sentenza fl-ismijiet : “Vivian Corporation Limited – vs – Joseph Mizzi”, (Avviz Numru 985/2000 JAB), deciza fit-12 ta' Novembru tas-sena 2003, mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D.;

3. Illi konsegwentement tordna illi l-kawza fl-ismijiet: “Vivian corporation Limited – vs – Joseph Mizzi” (Avviz Numru 985/2000 JAB), deciza fit-12 ta' Novembru tas-sena 2003, mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. tinstema' mill-gdid u tigi ritrattata fl-intier taghha skond il-ligi u fir-rigward tal-kapijiet ta' l-istess sentenza u dan ai termini tal-artikoli 811 (b) u 812 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta Vivian Corporation Limited li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Ezaminat il-premessi attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur;

Innotat li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata, (ara fol 26), hi baqghet kontumaci u qatt ma pprezentat ruhha fl-atti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Innotat ukoll li nonostante l-udjenza appozitament rizervata ghall-provi tas-socjeta' konvenuta din xorta baqghet kontumaci;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta’ l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi din hi procedura specjali intiza biex tirrevoka l-effetti ta’ sentenza regolarment deciza fil-konfront ta’ l-attur odjern;

2. Illi r-raguni li l-istess attur qed jipproponi in sostenn ta’ dan hu zball fl-identita’ tieghu li kienet konfuza ma dik taz-ziju tieghu li ghandu l-istess isem;

3. Illi ghalkemm dan iz-ziju kien jiggestixxi “supermarket” ma’ haddiehor, u li l-istess intrapriza kienet dahlet f’negozju mas-socjeta’ konvenuta fil-kawza odjerna, l-attur kien ghal kollox estraneu;

4. Illi in effetti l-attur jirrizulta li kien biss impjegat fl-azjenda de quo;

5. Illi hawn si tratta ta’ konfuzjoni kkawzata minn omonemija;

6. Illi din il-konfuzjoni giet debitament kjarifikata mid-dokumentazzjoni pprezentata fl-atti u mix-xhieda pprezentata;

7. Illi ghalhekk in-notifika li saret fil-kawza li tat bidu ghal din is-saga gudizzjarja hi erronea u bl-ebda mod ma taffettwa lill-attur odjern – il-konvenut f’dik il-procedura;

8. Illi ghalkemm debitament notifikata u nghatat l-opportunita’ effettiva li tressaq il-kaz taghha ghall-analizi gudizzjarju, s-socjeta’ konvenuta ghazlet mod iehor;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa’ t-talbiet attrici u :

1. Tiddikjara li l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Vivian Corporation Limited vs Joseph Mizzi, (Avviz Numru 985/2000 JAB), deciza fit-12 ta' Novembru tas-sena 2003 ma kienux validament notifikati lill-attur odjern;

2. Tordna r-revoka tas-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta Vivian Corporation Limited.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------